

P7_TA(2009)0040

Il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerç intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi (verżjoni kkodifikata) *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Ottubru 2009 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerç intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi (verżjoni kkodifikata) (COM(2009)0227 – C7-0048/2009 – 2009/0067(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni – kodifikazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2009)0227),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill(C7-0048/2009),
 - wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali ta' testi leġislattivi¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 86 u 55 tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0027/2009),
- A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali,
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.